

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10885/26

SOC 416  
EMPL 223  
ECOFIN 862  
UEM 300  
EDUC 280  
COMPET 808  
ENV 793  
ENER 424  
JAI 860  
GENDER 114  
JEUN 157  
SAN 504

#### NOTA

---

|          |                                                                                                                                                                                |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                               |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                  |
| Suġġett: | NOTA TA' SPJEGAZZZJONI TAL-KUNSILL Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2026<br>- <i>Approvazzjoni</i> |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' spjegazzjoni li takkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2026.

## **(abbozz ta') Nota ta' spjegazzjoni**

*Dokument li jakkumpanja r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill lill-Istati Membri fil-qafas tas-Semestru Ewropew*

L-Artikolu 29 tar-Regolament 2024/1263 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jgħid li *"Il-Kunsill mistenni, bħala regola, isegwi r-rakkomandazzjonijiet u l-proposti tal-Kummissjoni jew jispjega l-pożizzjoni tiegħu pubblikament"*.

Fir-rigward ta' din ir-regola "ikkonforma jew spjega", il-Kunsill b'dan jippreżenta l-isjegazzjonijiet li ġejjin għall-bidliet li qabel li jagħmel fir-rigward tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) dwar l-Istati Membri fil-kuntest tas-Semestru Ewropew 2026 li dwarhom il-Kummissjoni ma taqbilx.

Il-Kunsill qabel ukoll dwar għadd ta' żidiet kif ukoll bidliet fattwali jew tekniċi għar-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ sħiħ tal-Kummissjoni.

---

### **Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għaċ-Ċekja**

*Test tal-Kummissjoni:*

Ittejjeb il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali billi tespandi r-rwol tas-setturi pubbliċi u mingħajr skop ta' qligħ u thegġegħ użu aktar effiċjenti tal-akkomodazzjoni eżistenti permezz ta' riformi tat-taxxa fuq il-proprjetà u fuq l-introjt.

*Test maqbul:*

Ittejjeb il-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali billi tespandi r-rwol tas-setturi pubbliċi u mingħajr skop ta' qligħ u thegġegħ użu aktar effiċjenti tal-akkomodazzjoni eżistenti [...]

### Spjegazzjoni:

Il-Kunsill iqis li l-miżuri tat-taxxa għandu jkollhom prinċipalment rwol komplementari biex itejbu l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, meta dan ikun influwenzat minn fatturi strutturali oħra.

### **Silta mir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għal-Litwanja**

#### *Test tal-Kummissjoni:*

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji, ittejjeb il-likwidità tas-suq kapitali, tinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar fis-swieq finanzjarji, u ssaħħaħ l-iskemi ta' pensjoni supplimentari ffinanzjati.

#### *Test maqbul:*

Ittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż billi tistimula l-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji, ittejjeb il-likwidità tas-suq kapitali, tinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar fis-swieq finanzjarji, [...]

### Spjegazzjoni:

Għal-Litwanja, il-Kunsill ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tat-tisħiħ tal-iskemi tal-pensjoni supplimentari biex jittejjeb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs, peress li dawn ftit li xejn ikkontribwew għall-aċċess għall-finanzi f'dan il-pajjiż u ddireġew it-tfaddil barra mill-UE.